# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Gunju 2002

## Avviz numru : 21/2002GT(GM)

**Carmelo u Antoinette Attard**

**vs**

**Joseph u Lucy Attard**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) dovuta skond l-iskrittura iffirmata bejnietkom fis-7 ta' April 1997.**

**Kif ukoll mija u sitta u sebghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm176.80) dovuti ghall-uzu ta' parti tieghek tas-sistema tad-drenagg impoggija mill-attur ta' circa 26 metru tul. Dan stante illi il-prezzijiet korrenti sabiex tithammel trinka u terga tintradam mill-gdid huwa ta' Lm4.60 il-metru miexi, mentri il-prezz sabiex titpogga katusa tal-8 pulzieri u tinkesa bil-konkos huwa ta' Lm9 il metru miexi dan wassal ghal Lm353.60 u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas il-Lm176.80c.**

**Dan flimkien mal-interessi fuq din is-somma mis-7 ta' April 1997 sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez inkluz tal-ittra tal-1 ta' Frar 2002."**

**Ra r-risposta:**

1. **Illi t-talba attrici ghall-hlas ta' tmien mitt lira maltin (Lm800) hija ngustifikata u hija naxxenti minn kawza mhux gusta u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;**

2. **Illi mhuwa dovut ebda hlas lill-atturi talli l-eccipjenti qatta' blat fil-proprjeta' tieghu stess hlief ghal xi hsara li talvolta tigi ppruvata li giet ikkawzata fil-proprjeta' tal-atturi konsegwenza jew rizultat tal-iskavazzjoni li saret mill-konvenut;**

3. **Illi f'kaz li jirrizulta li t-talba tal-atturi li jitolbu lill-eccipjenti l-hlas ta' tmien mitt liri maltin (Lm800) hija gustifikata, il-hlas huwa soggett ghall-kundizzjoni li qabel jithallas minn kollox il-kuntrattur responsabbli mill-kostruzzjoni tal-bini kollu, u wara li l-bini kollu jkun tlesta a soddisfazzjon tal-eccipjenti, dwar liema kostruzzjoni ghad hemm kwistjonijiet pendenti mal-kuntrattur minhabba li tfaccaw xi difetti strutturali li jiggustifikaw lill-eccipjenti jissospendi l-hlasijiet tieghu lill-kuntrattur u ghaldaqstant l-atturi m'ghandhom ebda jedd li jesegwixxu l-hlas tal-pretensjoni taghhom qabel ma jkun thallas ghal kollox il-kuntrattur;**

4. **Illi lanqas ma hija gustifikata t-talba tal-atturi ghall-hlas talli l-eccipjenti qabbad il-medda tad-drenagg billi l-medda li maghha qabbad il-konvenut mhijiex privata izda hija tal-Gvern;**

5. **Illi l-atturi jridu jippruvaw ukoll li kienu huma li hallsu tal-medda li maghha qabbad l-eccipjenti;**

6. **Illi anke' jekk jirrizulta li l-medda tad-drenagg li maghha qabbad l-eccipjenti saret mill-atturi, is-sehem li l-eccipjenti jrid ihallas huwa tal-ispejjez li attwalment kienu gew inkorsi mill-atturi u mhux skond l-ispejjez kurrenti kif qeghdin jitolbu l-istess atturi;**

7. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.**

**Sema' x-xhieda u fela d-dokumenti esibiti.**

**Ikkunsidra**

**Illi ma hemm l-ebda dubbju illi l-ewwel talba attrici tinstab sodisfacentement ippruvata.**

**Illi kwantu ghat-tieni talba, l-atturi kienu nkorrew spejjez zejda biex ghaddew il-komunikazzjoni tad-drenagg snin ilu meta t-triq kienet ghadha wahda privata. B'danakollu, illum it-triq hija wahda pubblika, tant illi l-konvenuti hallsu ghall-kontribuzzjoni tat-triq u ghall-komunikazzjoni tad-drenagg. Ghalhekk il-komunikazzjoni li ghaddew l-atturi hija llum wahda pubblika u proprjeta' tal-Gvern, u, meta qabbdu maghha l-konvenuti, kienu qeghdin jikkomunikaw ma' proprjeta' tal-gvern, u mhux tal-atturi, u hallsu lill-gvern ta' din il-komunikazzjoni. Kieku kellhom ihallsu lill-atturi wkoll, kienu jkunu qeghdin ihallsu doppjament. It-Tribunal ma jarax l-ghala l-konvenuti ghandhom ihallsu ghall-ispejjez zejda li l-atturi, ghall-beneficcju taghhom ghazlu li jinkorru billi jghaddu d-drenagg huma meta t-triq kienet ghadha privata. Minn dan, il-konvenuti ma bbenefikaw xejn.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm800 dovuta skond l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet tas-7 t'April 1997, b'dan illi l-interessi legali jiddekorru mid-data tallum sad-data tal-hlas effettiv; filwaqt illi jichad it-tieni talba; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-12 ta' Marzu 2002 kif ukoll tal-avukati li ppatrocinaw il-partijiet f'din il-kawza jinqasmu 4/5 ghall-konvenuti u 1/5 ghall-atturi.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**